MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2009

Appell Kriminali Numru. 249/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. E. Cuschieri)**
**Vs**
**William Sant**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fi Vjal il-21 ta’ Settembru, Naxxar, quddiem il-hanut bl-isem “Apollo Tyres Service”, Naxxar, nhar il-25 t’Awissu, 2007 ghall-habta ta’ 10.15 a.m., ghamel xoghol u/jew ippermetta li jsir tiswija fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAI 892 f’xi parti mit-triq hawn fuq imsemmija w dan bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-licenzja relattiva mahruga lilu, liema kundizzjonijiet huma stipulati fit-Tieni Skeda tal-Avviz legali numru 1 ta’ 2006.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-22 ta’ Lulju, 2008, li biha, wara

li rat l-artikolu [recte : regolament] 13 tal-Avviz Legali 1/2006 u l-artikolu 29 tal-Kap. 441 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati tal-akkuza kif dedotta w ikkundannatu multa ta’ mija w sittax-il Euro (€116).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-1 t’Awissu, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannullta s-sentenza appellata w minnha tillibera l-appellant minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':- li l-Ewwel Qorti applikat il-ligi hazin meta ma rrizultax illi l-appellant ghandu licenzja mahruga lilu fuq il-fond "Apolla Tyres Services" , Naxxar u ghalhekk qatt ma seta' huwa jkun kiser il-kondizzjonijiet tal-licenzja "relattiva mahruga lilu, liema kundizzjonijiet huma stipulati fit-tieni skeda ta' l-Avviz Legali numru 1 ta' 2006" u ghalhekk hu ma seta' qatt jinstab hati taht l-artikolu 13 ta' Avviz Legali 1 tas-sena 2006 u l-artikolu 29 tal-Kap.441 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, ma hemm ebda ksur tal-kundizzjoni tal-licenzja meta fi triq pubblika tyre ta' karozza li ghandu puncture jinqala' minn hemm u jittiehed fil-hanut tax-xoghol gewwa l-istess fond Apollo Tyre Service li hu licenzjat biex ikun hemm tyre service fost l-ohrajn.

Rat l-ordni Taghha biex din il-kawza tinstema' kontestwalment mall-appelli l-ohra fl-istess ismijiet fuq il-lista tat-13 ta' Novembru, 2008 kif ukoll mall-appell fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Aronne Sant".

Rat il-verbali registrati fl-istess udjenza li bihom id-difiza tal-appellant iddkjarat li ma tikkontestax li fil-granet imsemmija fic-citazzjonijiet rispettivi, l-appellant kien fil-fatt ghamel xoghol ta' vulcaniser fil-hanut in kwistjoni u barra

t-triq ta' l-istess hanut, kif ukoll li l-licenzja mhux fuq isem l-appellant imma fuq ommu.

Rat l-ordni taghha li biha, ghal kull buon fini, ppermettiet l-esebizzjoni ta' ittra li kiteb l-ex-segretarju parliamentari, Edwin Vassallo lil Dr. Angelo Farrugia w tat lill-Prosekuzzjoni l-fakolta' biex taghmel nota dwar dan id-dokument.

Semghet ix-xhieda mill-gdid fl-udjenza tat-13 ta' Novembru, 2008;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tas-17 ta' Novembru, 2008;

Ikkonsidrat;

**PS 715 L. GATT**, fl-affidavit tieghu a fol. 2, kien iddkjara li :- fil-25 t' Awwissu, 2007, ghall-habta ta' 12.12 hrs. kien mar l-ghassa Saviour Sciberras u rraporta li hu joqghod ezatt fuq Apollo Tyre Service, go Vjal il-Wiehed u Ghoxrin ta' Settembru, Naxxar u li aktar kmieni filghodu ghall-habta ta' 10.15 hrs. kien hemm xi haddiema ta' dan l-istabbiliment jahdmu fit-triq ezatt quddiem il-hanut fuq xi karozza bin-numru ta' registrazzjoni AAI 892 , bi ksur tal-ligi. Qal li hu kien ha xi ritratti. Kienu kellmu lill-appellant William Sant fl-ghassa tal-Mosta fil-1 ta' Settembru, 2007 u dan kien qal li ma jifttakar xejn dwar dan l-incident u li hu kellu l-permessi kollha biex jahdem. L-akkuzi nhargu kif gie mitlub mill-Pulizija.

**CHARLES MUSCAT** li xehed in rapprezentanza tat-Trade Licensing Unit, Commerce Division, qal li mir-ricerka li ghamel dwar l-appellant William Sant, irrizulta li fuqu hemm licenzja category VI li tohrog fuq persuna u mhux fuq il-premesis. Din il-licenzja ssemmi *"other social and personal services, activities, not elsewhere classified"*, pero' mbaghad fil-*licence conditions* hemm stabilit *"To effect tyre and battery services"*. Il-licenzja tindika li kienet

inharget fuq William Sant (ID 0472570M) ta' Willdor, 266, Vjal il-Wiehed u Ghoxrin ta' Settembru, Naxxar u ma tghid xejn dwar jistax jahdem barra jew le. (Fol. 6 u 7 tal-process). Din il-licenzja turi s-sitwazzjoni fis-6 ta' Mejju, 2008. Hu ma kienx ghamel ricerka fuq Apollo Tyre Services u fuq Maria Sant.

**SAVIOUR SCIBERRAS** xehed li hu joqghod vicin il-garage in kwistjoni w ilu bil-kwistjonijiet mal-appellant zmien twil. Kienet anki nqatghet kawza wara perizja fil-25 ta' Lulju, 2007 fejn ta' Sant instabu hatja li qed jikkagunaw disturb u hsejjes lilu bix-xoghol li kienu qed jaghmlu meta jahdmu barra. Kienu qed jiksru l-Legal Notice 1/2006. Hu jilmenta ghax jahdmu madwar id-dar tieghu. William u Aronne Sant johorgu l-ghodda minn gol-garage, bhal-jakkijiet u l-pnuematic tubes li jaghmlu hoss u jikkagunaw storbju. Jaqilghu it-tyre u jdahhluh gewwa w isewwuh gewwa. Jekk iridu jmorru jahdmu mal-faccata l-ohra tat-triq ghax hemm ma jeffettwahx imma quddiemu, lanqas jista' jiftah il-bieb.

Illi l-ittra tal-11 ta' Jannar, 2008, iffirmata mis-Segretarju Parliamentari fil-Ministeru ghall-Kompetittivita' u Komunikazzjoni ta' allura Edwin Vassallo, ftit li xejn titfa' dawl fuq il-kwistjoni, apparti li zgur ma tistax tittiehed bhala interpretazzjoni legali awtorevoli.

Illi ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatti *ut sic* u l-kwistjoni kollha tidher li tirrigwarda l-ligi w licenzja applikabbli.

Illi l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant hi li ghamel xoghol bi ksur tal-kondizzjonijiet tal-licenzja relattiva mahruga lilu, liema kondizzjonijiet huma stipulati fit-tieni Skeda tal-Avviz Legali 1 tas-sena 2006.

Illi l-licenzja esebita fil-process apparti li turi l-istat ta' fatt "as at 06/05/2008" u mhux bid-data msemmija fic-citazzjoni ma tinkludi ebda kondizzjoni dwar jekk ix-xoghol jistax isir barra jew gewwa. Inoltre din ma tirriferix ghall-post fejn allegatament sar il-ksur tal-ligi imma ghall-

indirizz fuq imsemmi w cioe' Triq il-Wiehed u Ghoxrin ta' Settembru, Naxxar.

L-Ewwel Qorti ccitat l-art.[recte: regolament] 13 tal-Avviz Legali 1 tal-2006 u l-artikolu 29 tal-Kap.441 bhala l-artikoli li tahthom sabet htija w applikat il-piena f' dan il-kaz.

Ir-Regolament 13 jiddisponi li licenzja tinhareg f' isem individwu u l-indirizz ghandu jkun tal-post kummercjali. Licenzja ghandha tkun soggetta ghall-kondizzjonijiet li japplikaw kif ikunu mnizzla fit-Tieni Skeda tal-istess Regolamenti. Fost dawn insibu li f' attivita' kummercjali li tista' tigi gestita minn xi post jew minn barra ta' post u tkun tinkludi t-tiswija ta' vetturi, ebda vettura ma ghandha tintwera ghat-tiswija f' xi parti mit-triq. Inoltre meta attivita' kummercjali tpoggi kull oggett barra l-post, il-persuna responsabbli mill-attivita' kummercjali ghandha tara li dawn ma joholqux ostakolu ghan-nies li jkunu ghaddejjin bil-mixi u li ma jkunux jestendu .50 ta' metru mill-istess bankina. Hemm unbaghad regolamenti li jirrigwardaw storbju li jinstema' minn barra w tindif tal-bankina, taht il-bankina w tat-triq fid-dintorni tal-post fil-vicin fuq barra tal-post kummercjali.

L-artikolu 29 tal-Kap.441 umbaghad jiddisponi li meta persuna tikser xi dispozizzjoni tal-Att jew ta' xi regolamenti maghmulin taht dak l-Att tkun hatja ta' reat u tista' tehel il-pieni preskritti fl-imsemmi regolament.

Ikkonsidrat;

Pero', ladarba ma jirrizultax li kien l-appellant li hu l-*licensee* tal-post kummercjali fejn kien qed isir ix-xoghol fuq barra t-triq - anki ghax dan jirrizulta li hu licenzjat fuq omm l-appellant, u ladarba se mai il-licenzja esebita tirriferi ghal-post kummercjali f' indirizz differenti, u cioe' **Willdor, 266**, Vjal il-Wiehed u Ghoxrin ta' Settembru, Naxxar, jekk kienet dik vigenti fid-data tal-allegat reat, f' dan l-istat tal-provi ma jirrizultax li l-appellant kiser il-kondizzjonijiet ta' xi licenzja li kellu fuq il-post imsemmi fic-citazzjoni w ghalhekk ghal massimu seta' biss jigi akkuzat

li kien qed jahdem hemm bla licenzja imma mhux li kiser il-kondizzjonijiet tal-licenzja.

Ghalhekk l-imputazzjoni kif dedotta ma tirrizultax pruvata w konsegwentement l-appellant ma kellux jinstab hati taghha.

Ghal dawn il-motivi, tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------